**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' April 2020.</u>**

**<u>Rikors nru: 84/2020 AGV;</u>**

**AB (ID nru: 55969M)**

**U**

**CBD (ID nru: 421171M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet** datat 25 ta' Frar 2020, fejn esponew bir-rispett u kkonfermaw ;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl- 14 ta' Awwissu 1996, fil-Katedral tal-Imdina Malta kif jidher mill-att taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi mill-istess unjoni, twieldu zewgt itfal EB li twieldet fis- 6 ta' Frar 1996 u li llum ghandha 24 sena u FB li twieldet fid- 29 ta' Ottubru 1999, u ghalhekk llum ghandha 20 sena.

3. Illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment u b’ kutratt tal- 5 ta’ Settembru 2007, fl-atti tan-Nutar Elisa Falzon ( hawn anness u mmarkat Dok B) il-partijiet isseperaw legalment.
4. Illi in forza tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, ir-rikkorrent AB obbliga ruhu li jhallas lil martu CBD, is-somma ta’ 116.47 Ewro fix-xahar bhala manteniment ghal kull wild, liema manteniment, fir-rigward ta’ FB biss ghadu jithallas puntwalment skont l-imsemmi kuntratt.
5. Illi lum r-rikorrenti ghandhom hajjtihom indipendenti minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni tal-partijiet.
6. Illi konsegwentament, jirrikorru l-elementi kollha mehtiega skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, tal-Ligjiet ta’ Malta, ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant , ir-rikorrenti jitolbu lil dina Onorabbli Qorti sabiex, tippronunzja id-divorzju u l-hall taz-zwieg taghhom a tenur tal-artikolu 66 A tal-Kodici Cilili tal-Ligjiet ta’ Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**